# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 24**

**Rikors numru 828/19/1 AF**

Wara l-Ittra Uffiċċjali ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12
Numru 3094/19 tal-14 ta' Awwissu, 2019 fl-ismjiet:

**Victor Fenech għan-nom ta' Red Rock (Investments) Limited**

**v.**

**Angelo Zahra**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ta' Angelo Zahra tat-28 ta' Awwissu, 2019, li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Illi preliminarjament l-esponent gie notifikat bl-ittra ufficcjali b'ebda dokument anness maghha.

2. Illi dina l-procedura tidher li qeghda ssir ai termini tal-artikolu 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li principarjament jirreferi ghall-kambjali u promissory notes.

3. Illi qatt ma gew ipprezentati lill-esponent, l-ebda promissory note u ntalab il-hlas taghha bil-procedura li titlob il-ligi, u ghalhekk tirrendi l-procedura istitwita ai termini l-artikolu 253(e) bhala wahda rrita u nulla.

4. Illi madanakollu mill-ittra ufficcjali jirrizulta illi l-ammonti pretizi qeghdin isiru a tenur ta' skrittura datata 12 ta' Lulju 2017 li anqas ma giet annessa mal-ittra ufficcjali u ghalhekk mhux car x'titolu qieghed ikun ittentat jigi rez ezekuttiv u esegwit.

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li huwa ma ghandu jhallas xejn aktar lil Red Rock (Investments) Limited u dana ghaliex kwalsiasi ammont misluf lilu, ilu zmien twil li thallas u dak li qed jintalab llum permezz tal-ittra ufficcjali huma fl-intier tieghu imghax bl-uzura u imghax ulterjuri kkalkolat fuq l-imghax bl-uzura, b'hekk jirrendi dina l-pretensjoni affetti minn kawza illecita.

6. Illi ghalhekk l-esponenti qieghed ghar-ragunijiet suesposti u a tenur il-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 jopponi ghall-ezekuzzjoni tal-imsemmija skrittura datata 12 ta' Lulju 2017.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tissospendi in toto l-ezekuzzjoni tal-imsemmija skrittura privata u taghti dawk il-provedimenti kollha opportuni fic-cirkostanzi u skond il-ligi."

2. Rat ir-risposta ta' Victor Fenech għan-nom ta' Red Rock (Investments) Limited, tat-2 ta' Ottubru, 2019, li permezz tagħha wieġeb illi:

"It-talbiet kontenuti fir-rikors ta' Angelo Zahra tat-28 ta' Awwissu 2019 ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu ghar-ragunijiet li ser jissemmew izjed l-isfel. L-esponenti jopponi ghat-talba tar-rikorrent biex titwaqqaf l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut mill-esponent permezz tal-procedura skond l-artikolu 253 tal-Kap. 12 u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi l-esponenti huma kredituri tar-rikorrenti fis-somma ta' €39,440 ekwivalenti ghal Lm17,000 bhala s-somma kapitali u somma ohra ta'

€39,440 rapprezentanti l-massimu tal-imghax legali konsentiti mill-ligi ta' 8% mill-21 ta' Awwissu 1995; u dan skond skrittura datata 12 ta' Lulju 2017, Dok. A hawn anness u liema somom ta' flus ghadhom ma thallsux lilu a tenur tal-istess skrittura. L-esponenti huma krendituri tar-rikorrenti ta' somma ohra fl-ammont ta' €139,200 ekwivalenti ghal Lm60,000 bhala s-somma kapitali u somma ohra ta' €139,200 rapprezentanti l-massimu tal-imghax legali konsentiti mill-ligi ta' 8% mill-21 ta' Awwissu 1995; u dan skond skrittura datata 12 ta' Lulju 2017 u liema somom ta' flus ghadhom ma thallsux, l-istess Dok. A hawn anness. Minkejja li fil-procedura odjerna l-ezekuzzjoni hija fuq kambjala wahda, dan qed jinghad sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha stampa izjed cara tar-rabta ta' bejn il-partijiet.

Illi l-esponenti jispjega li l-partijiet ilhom jinnegozjaw mit-tmeninijiet u tul is-snin sar diversi negozju, kemm ta' proprjetà u anki affarijiet ohra. L-esponenti kien sleeping partner mar-rikorrenti u ghalhekk kien jghaddilu l-flus u r-rikorrenti kien jixtri u jbiegh proprjetajiet fuq il-konvenju. Ir-rikorrenti Angelo Zahra kien liberu li jinnegozja kif jidhirlu hu u dak li kien jigi quddiem ghajnejh kien jidhol ghalih u ghalhekk minkejja li n-negozju kien sejjer tajjeb xorta kien ikollu bzonn il-flus minghand l-esponenti stante li bil-kapital tieghu biss ma kienx bizzejjed. Ir-rikorrenti beda jmur hazin meta bdew jigru warajh il-kredituri ghax kien xtara disco ossia "Tremors" f'Paceville bl-appartamenti fuqu u dan negozju kien falla.

Illi l-flus dovuti fil-kaz odjern imorru lura ghall-bidu tas-snin disghin. Fil-21 ta' Awwissu 195 il-partijiet iltaqghu sabiex jillikwidaw u kien sar ftehim li l-esponenti jiehu dar il-Balluta, zewg porzjonijiet ta' art l-Iklin, u art il-Gudja u dan skond konvenju datat 2 ta' Mejju 1996 kopja tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok. B. Gara li l-kuntratt ma setax isir u dan stante li kien hemm difetti fosthom fuq id-djar tal-Balluta fejn l-anzjana li kienet toqghod hemm bil-kera, dawret il-karti tal-identità ta' uliedha fuq dak l-indirizz sabiex ma johorgux minn hemm kif ukoll kienu rrangaw ma' Heritage Malta u d-dar giet skedata bhala Grade 5 u ghalhekk ma setghetx tintmiss. Ghar-rigward tal-art tal-Iklin, l-esponenti kien gab il-permess neccessarju u kienet saret cessjoni favur terzi izda l-qliegh mar dirett ghand il-Bank biex jinqata' mill-overdraft li kellu Angelo Fenech u dan peress li fuq l-art kien hemm pizijiet favur il-bank. Kien hemm ukoll difett fuq proprjetà ohra ossia Flat no. 2, "Tas-Sienja Complex", Swieqi Valley, Swieqi, li ma setax jimmatura peress li l-imsemmi flat kien ipotekat mal-HSBC Bank Malta plc favur kumpannija tal-istess rikorrenti Angelo Zahra.

Illi sussegwentement bdew isiru diversi skritturi akkompnjati b'kambjali biex ir-rikorrenti jibda jhallas lill-esponenti u eventwalment sar il-ftehim tat-12 ta' Lulju 2017.

Illi f'dan il-perjodu, anki peress li fil-frattemp Angelo Zahra gie arrestat fuq traffikar tad-droga u frodi u kien spicca l-habs, l-esponenti talab

> garanzija u Denise Frendo, is-siehba ta' Angelo Zahra ghamlet garanzija personali fuq id-djun tar-rikorrenti Angelo Zahra, anki permezz ta' kambjala. Ghandu jinghad li l-fond "Shekinah", il-Bidnija, limiti tal-Mosta, Mosta kienet proprjetà ta' Angelo Zahra izda sar trasferiment tal-proprjetà favur Denise Frendo biex ma tinqabadx mill-kredituri.
>
> Illi l-kambjala li qed jintalab l-ezekuzzjoni taghha hija valida skond il-ligi u hemm indikati b'mod car u kif trid il-ligi l-firma tar-rikorrenti; id-data, is-somma li ghandha tithallas, l-isem ta' dak li ghandu jhallas, u l-isem ta' dak li lilu ghandu jsir il-hlas. Ir-rikorrenti m'ghandu l-ebda raguni valida skond il-ligi sabiex jopponi l-ezekuzzjoni tal-kambjala.
>
> Illi ghalhekk, minhabba f'dan kollu li qieghed jigi sottomess mill-esponenti, t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti.
>
> Bl-ispejjez."

3. Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Jannar, 2022, li permezz tiegħu l-proċeduri ġew deċiżi fis-sens illi filwaqt li laqgħet it-talba tar-rikorrent limitatament u ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-iskrittura privata tat-12 ta' Lulju 2017, in kwantu qatt ma setgħet tintalab l-eżekuzzjoni tagħha, iżda ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għal dak li għandu x'jaqsam mal-eżekuzzjoni tal-kambjala tat-12 ta' Lulju, 2017, fl-ammont ta' €39,440. L-ispejjeż tal-proċeduri jitħallsu kwantu għal nofs mir-rikorrent u nofs minn Victor Fenech *nomine*.

4. Dik il-Qorti tat id-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi din hija proċedura ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn kambjali jew *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13, jitqiesu bħala titoli eżekuttivi sakemm il-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note*, b'digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-eżekuzzjoni ta' dik il-

kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għall-garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* eżegwibbli.

Il-Qorti tqis illi din hija proċedura preliminari ta' verifika fejn hija tista' tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* bħala titolu eżekuttiv f'każ li minn din il-proċedura preliminari jirriżulta *prima facie* li:

(i) il-firma fuq il-kambjala jew promissory note ma tkunx ta' min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tar-rappreżentant tiegħu; jew

(ii) li ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni.

F'każ li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-artikolu 253(e), sabiex wieħed jeżiġi l-ħlas tal-kambjala, ikun mehtieg illi tigi intavolata kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Mill-atti jirriżulta li r-rikorrent ġie interpellat mill-intimat noe permezz ta' ittra uffiċjali li saret nhar l-14 ta' Awwissu 2019 sabiex iħallas is-somma ta' €39,440 bħala kapital u somma oħra ta' €39,440 bħala l-massimu ta' imgħax konsentit mill-liġi bir-rata ta' 8% mill-21 ta' Awwissu 1995. F'din l-ittra uffiċjali hemm miktub illi dawn iż-żewġ somom huma dovuti skont skrittura datata 12 ta' Lulju 2017. Filwaqt illi l-intimat iddikjara li l-ittra uffiċjali kienet qiegħda ssir a tenur tal-artikolu 253(e) u 256(2) tal-Kap. 12, ma saret l-ebda riferenza għal xi kambjala jew *promissory note* speċifika. Ir-rikorrent ipproċeda bir-rikors odjern sabiex, ai termini tal-istess artikolu 253(e), jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-iskrittura privata li tissemma f'dik l-ittra uffiċjali.

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi, tal-5 ta' Frar 2008, dwar l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12:

> *"Illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi sezzjoni jidher car li hemm zewg bazi ghaliex l-ezekuzzjoni tal-kambjala tista' tigi sospiza u cioè li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju taghha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi ghall-oppozizzjoni ta' l-ezekuzzjoni. F'dak il-kaz il-persuna li tezigi l-hlas tkun trid tipprocedi b'kawza skond id-dispozizzjoni tal-Kodici tal-Kummerc. Il-ligi ma tispecifikax x'inhuma r-ragunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-legislatur izda intenzjonatament ghax il-legislatur ried ihalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti*

*ghandha tilqa' t-talba jew le. Certament li r-raguni valida m'ghandhiex tkun wahda frivola ghax kif tghid l-istess ligi hlief fil-kaz tal-firma r-raguni trid tkun gravi u valida u dan jaghmilha cara li persuna ma tistax kapriccozament topponi tali ezekuzzjoni.*

*Izda min-naha l-ohra l-legislatur ma eliminax ir-ricerka li ssir f'kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc izda l-artikolu 253(e) u proviso tieghu gie rez bhala procedura (prima facie) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bazat naturalment fuq ragunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-ligi ma jinstab il-kliem prima facie izda kien ikun bla sens li l-Qorti tidhol fid-dettalji kollha tal-proceduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proceduri ma gewx eliminati mil-legislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni gusta tal-ligi tittiehed f'dan is-sens."*

Il-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu aktar ampji mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan.

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti tqis illi r-rikorrent għandu raġun jgħid illi l-ittra uffiċjali in kwistjoni saret ħażin in kwantu li tagħmel riferenza għal skrittura privata u mhux kambjala. Madanakollu, mill-atti jirriżulta li flimkien ma' dik l-iskrittura, il-partijiet kienu fil-fatt iffirmaw żewġ kambjali waħda ta' €39,440 u oħra ta' €139,200. Ħdejn l-ammont hemm indikat ukoll illi ma' kull somma jrid jiżdied l-imgħax. Isegwi għalhekk li ma jirriżultax li teżisti kambjala għas-somma ta' €39,440 bħala imgħax kif qiegħed jippretendi Victor Fenech.

Ir-rikorrent jikkontendi li huwa mhuwiex debitur ta' Victor Fenech noe u li dak li qiegħed jippretendi Victor Fenech mingħandu llum huwa imgħax bl-użura. Madanakollu, ir-rikorrent ma ġab l-ebda prova sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu. Filwaqt illi fir-rapport li għamel lill-pulizija dakinhar tad-9 ta' Ottubru 2019 ir-rikorrent iddikjara li l-firem fuq il-kambjali tat-12 ta' Lulju 2017 mhumiex tiegħu, huwa m'għamilx din l-allegazzjoni fir-rikors tal-lum kif lanqas ma ġab prova mqar fuq bażi prima facie li l-firem tiegħu fuq dawk il-kambjali kienu ffalsifikati.

Il-Qorti tqis għalhekk illi ma hemm l-ebda raġuni valida għaliex għandha tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala tat-12 ta' Lulju 2017 għas-somma ta' €39,440."

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Angelo Zahra, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza tas-17 ta' Jannar, 2022, fil-kawża

fl-ismijiet premessi u dan billi tirrevoka dik il-parti li tirrigwarda ċ-ċaħda tat-talba tal-appellant għal dak li għandu x'jaqsam mal-eżekuzzjoni tal-kambjala tat-12 ta' Lulju, 2017, fl-ammont ta' €39,440, filwaqt li tikkonfermaha sa fejn tirrigwarda s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-iskrittura privata tat-12 ta' Lulju, 2017, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata.

6. Rat ir-risposta tal-appell ta' Victor Fenech għan-nom ta' Red Rock (Investments) Limited, li permezz tagħha wieġeb li t-talbiet tal-appellant Angelo Zahra għandhom jiġu miċħuda u d-deċiżjoni bid-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Jannar, 2022, għandha tiġi kkonfermata. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant Angelo Zahra.

7. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti Angelo Zahra talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' skrittura privata datata 12 ta' Lulju, 2017, wara li ġie notifikat b'ittra uffiċjali, li għalkemm ma kellha l-ebda dokument magħha, kien mgħarraf li l-proċedura kienet qegħda ssir għall-finijiet tal-Artikolu 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (li prinċipalment jirreferi għall-kambjali u *promissory notes*). Peress li ma kien hemm l-ebda dokument anness mal-ittra uffiċjali, mhuwiex ċar liema huwa t-titolu li qiegħed jintalab li jsir eżekuttiv. Dana apparti li r-rikorrent jikkontendi li m'għandu jħallas xejn, peress li kwalsiasi ammont misluf lilu, ilu żmien twil li tħallas u għalhekk dak li qiegħed jintalab huwa fl-intier tiegħu mgħax bl-użura, sabiex b'hekk il-pretensjoni hija milquta minn kawża lleċita. Għalhekk ir-rikorrent nieda l-proċeduri odjerni, sabiex jopponi għall-eżekuzzjoni tal-imsemmija skrittura tat-12 ta' Lulju, 2017, ghall-finijiet tal-*proviso* tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12.

10. Da parti tiegħu, l-intimat *nomine* wieġeb billi jagħti r-raġunijiet li wasslu għall-ħruġ tal-ittra uffiċjali u flimkien mar-risposta jannetti kopji ta' żewġ skritturi datati 12 ta' Lulju, 2017 u kopji ta' żewġ kambjali, waħda għall-ammont ta' €39,440 (+Int) u l-oħra għas-somma ta' €139,200 (+Int).

11. Permezz tad-digriet tas-17 ta' Jannar, 2022, l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi tilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament fir-rigward tal-iskrittura

u għalhekk ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-iskrittura privata tat-12 ta' Lulju, 2017, in kwantu qatt ma setgħet tintalab l-eżekuzzjoni tagħha, iżda ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal dak li għandu x'jaqsam mal-eżekuzzjoni tal-kambjala tat-12 ta' Lulju, 2017 fl-ammont ta' €39,440. Bl-ispejjeż tal-proċeduri jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

12. Ir-rikorrent ħassu aggravat bl-imsemmi digriet u għalhekk interpona appell minnu. L-appell tiegħu jissejjes fuq żewġ aggravji prinċipali:

(i) L-ewwel aggravju jitratta l-fatt li l-appellat *nomine* ttanta jirrendi eżekuttiva skrittura privata tat-12 ta' Lulju, 2017, permezz tal-ittra uffiċjali 3094/2019, iżda l-ebda dokumenti ma ġie anness mal-imsemmija ittra uffiċjali. L-appellant jikkontendi li l-Artikolu 253(e) tal-Kap, 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi bħala titolu eżekuttiv il-kambjali, filwaqt li l-Artikolu 256(2) jipprovdi li l-eżekuzzjoni ta' kull titolu eżekuttiv ieħor (apparti sentenza definittiva) ma tistax issir ħlief wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju. Kwindi l-appellant jisħaq li sabiex tiġi eżegwita kambjala, jkun meħtieġ li ssir talba ġudizzjarja li titlob l-eżekuzzjoni ta' tali kambjala, u allura li tali kambjala tkun annessa mal-ittra uffiċjali, sabiex l-interpellat ikun jista' jaċċerta ruħu dak li jkun qiegħed jintalab u x'ikun qiegħed ikun reż eżegwibbli, dan apparti li kopja tal-

kambjala għandha wkoll isservi sabiex wieħed jaċċerta ruħu mill-formalitajiet tal-kambjala, kif ukoll il-firma. Kwindi l-appellant jilmenta li fil-każ odjern, ġaladarba l-ittra uffiċjali 3094/2019, għalkemm tagħmel referenza għall-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, ma tagħmel l-ebda referenza għall-kambjala, iżda għal skrittura tat-12 ta' Lulju, 2017 u ebda dokument ma ġie anness magħha, allura l-istess proċedura hija nulla u bla effett, peress li mhuwiex ċar dak li kien qiegħed jiġi reż eżegwibbli skont l-istess ittra uffiċjali. Issir referenza għall-fatt ukoll li l-istess mertu kien deċiż permezz ta' sentenza oħra tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru, 2021, fi proċeduri simili fl-istess ismijiet li jġibu referenza 827/2019RGM, wara li l-appellat kien interpella lill-appellant b'ittra uffiċjali oħra li ġġib id-data tal-14 ta' Awwissu, 2019.

(ii) Ġaladarba l-appellant kien notifikat b'ittra uffiċjali għall-fini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, huwa kien kostrett iressaq il-kontestazzjoni tiegħu fejn irrileva li huwa m'għandu jagħti xejn, peress li l-ammont indikat fl-ittra uffiċjali kien ilu żmien li tħallas, mentri dak li kien qiegħed jintalab iħallas kien biss imgħax fuq imgħax bl-użura, li jirrendi t-talba għall-ħlas imsejsa fuq kawża lleċita. Fil-fatt l-appellant jagħmel referenza għall-proviso tal-istess Artikolu 253(e) li jipprovdi għas-sospensjoni tal-kambjala

għar-raġunijiet hemm imsemmija, nklużi wkoll għal raġunijiiet gravi u validi sabiex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ, biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala tkun trid tipproċedi b'kawża. L-appellant jirreferi għax-xhieda tiegħu fejn jingħad minnu li huwa ssellef mingħand l-appellat is-somom ta' Lm25,000 u Lm15,000, liema ammonti huwa ħallas lura bi proprjetà u vetturi. Huwa spjega li l-ammonti mitluba minnu llum kienu interessi bl-użura u li dwarhom kien għamel rapport għand il-Kummissarju tal-Pulizija li għadu qiegħed jiġi nvestigat. Jagħmel referenza għall-ġurisprudenza fis-sens li kambjala tista' tiġi kkontestata kemm-il darba tali kambjala tkun vizzjata minħabba raġunijiet gravi u validi ammessi mil-liġi u li l-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'każijiet simili huwa wieħed *prima facie,* jiġifieri li tistabbilixxi sal-grad ta' *prima facie* l-possibilità li l-kambjala hija mċappsa bl-użura. Dan peress li l-indaġni proprja fuq il-mertu tal-pretensjonijiet tal-allegat kreditur u l-eċċezzjonijiet li jkunu qegħdin jingħataw in kontestazzjoni tal-istess pretensjonijiet huwa l-mertu ta' proċeduri separati. Kwindi fil-fehma tal-appellant, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tawtorizza l-eżekuzzjoni tal-kambjala fl-ammont ta' €39,440.

13. L-appellat *nomine*, filwaqt li jwieġeb li d-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Jannar, 2022 huwa ġust u jimmerita li

jiġi kkonfermat, jissolleva eċċezzjoni ta' natura proċedurali, fis-sens li jingħad minnu li l-appell in eżami huwa wieħed *fuori termine* u għandu jiġi respint minn din il-Qorti, peress li skont l-Artikolu 281(4) tal-Kap. 12, dan kellu jsir fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-Qorti bil-miftuħ. Peress li l-*proviso* tal-Artikolu 253(e) jipprovdi li meta l-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala, id-digriet mhuwiex appellabbli, *a contrario sensu* jingħad li meta l-Qorti ma tissospendix l-eżekuzzjoni tal-kambjala, t-terminu għall-preżentata tal-appell huwa ta' sitt ijiem, skont l-Artikolu 281(4) tal-Kap. 12 u mhux għoxrin ġurnata, ġaladarba d-deċiżjoni hija digriet u mhux sentenza.

14. Fi kwalunkwe każ, jingħad li l-appellant mhuwiex korrett meta jingħad minnu li ma kienx ċar dak li kien qiegħed jiġi eżegwit l-ittra uffiċjali 3094/2019, meta l-istess appellant jagħti spjegazzjoni dettaljata u xehed ukoll dwar il-mertu. L-appellat jirrileva li, ġaladarba l-aspetti formali tal-kambjala huma sodisfatti, ma tista' ssir l-ebda indaġini fuq il-mertu tal-kambjali, kif jippretendi l-appellant. Jikkontendi li dak li jingħad mill-appellant dwar l-użura, hija sempliċi allegazzjoni, f'tentattiv li jqabbad difrejh ma' xi ħaġa sabiex jevita li jwettaq l-obbligi tiegħu. Filwaqt li jirreferi għal ġurisprudenza estensiva fis-sens li appena kambjala tiġi ammessa, tiġi maħluqa obbligazzjoni għal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setgħet tippreċediha u li hemm żewġ bażi biss għaliex kambjala tista' tiġi sospiża, jiġifieri, jew li l-firma ma tkunx tal-

persuna jew mandatarju tagħha, jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet gravi u validi għall-oppożizzjoni tal-eżekuzzjoni. Dan meta raġuni valida m'għandhiex tkun frivola u persuna ma tistax topponi l-eżekuzzjoni kapriċċożament. Għar-rigward il-lanjanza fil-mertu, li l-ammont dovut tħallas, mhuwiex minnu u mhux sostnut mill-fatti, peress li l-ammonti għadhom dovuti minn Angelo Zahra, li huwa debitur ta' Red Rock (Investments) Limited.

15. Illi jitqies xieraq li, l-ewwel ma jiġi trattat, huwa l-punt sollevat mill-appellat *nomine* fis-sens li l-appell odjern huwa wieħed *fuori termine.* Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li jingħad mill-appellat *nomine.* Tajjeb li jiġi mfakkar li l-proċeduri odjerni kienu nbdew minn ittra uffiċjali li saret sabiex tirrendi eżegwibbli kambjala, li hija waħda mit-titoli eżekuttivi elenkati taħt l-Artikolu 253 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Min-naħa l-oħra, il-provvediment tal-liġi nvokat mill-appellat *nomine* huwa l-Artikolu 281(4) tal-Kap.12, li jitratta kif **atti** (u mhux titoli) eżekuttivi jistgħu jiġu attakkati. Mentri l-Artikolu 273 tal-Kap. 12 jelenka l-atti eżekuttivi (l-mandati) li bihom tista' ssir l-eżekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi msemmijin fl-Artikolu 253. Kwindi l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 281 mhix applikabbli fil-każ in eżami, peress li l-Artikolu 281(4) jitratta l-każ fejn xi ħadd ma jkunx jaqbel ma' digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandu x'jaqsam ma rikors għat-tneħħija ta' mandati eżekuttivi, fejn dak li jkun

għandu dritt jappella fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-miftuħ. Fil-każ in eżami, għadu ma ntlaħaqx tali stadju, peress li wara li l-appellat *nomine* talab l-eżekuzzjoni ta' kambjala, l-appellant qiegħed, permezz tal-proċeduri odjerni, jikkontesta l-effetti eżekuttivi tal-istess ittra, sabiex dawn jiġu sospiżi.

16. Distinzjoni oħra li teżisti bejn iż-żewġ proċeduri hija li, filwaqt li l-liġi fl-Artikolu 253(e) ma teħtieġx li tinżamm seduta għall-provi u/jew sottomissjonijiet tal-partijiet, sabiex jingħata digriet taħt l-Artikolu 253(e) - għalkemm dan xorta jista' jkun xieraq sabiex il-partijiet jingħataw iċ-ċans jelaboraw fuq il-kwistjoni quddiem il-Qorti (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2019, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Ivan Gatt *nomine* v. Antoine Bartolo),** - l-Artikolu 281(3) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qorti għandha tiddeċiedi dwar dak ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet. Isegwi li għalkemm huwa minnu li d-deċiżjoni mogħtija skont l-Artikolu 253 tal-Kap. 12, hija min-natura tagħha digriet (skont l-istess Artikolu 253(e)) u mhux sentenza, l-Artikolu 281(4) tal-Kap. 12 invokat mill-appellat *nomine* ma japplikax għall-proċeduri odjerni u għalhekk din l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.

17. Imiss li jiġu trattati l-aggravji mressqa mill-appellant. Jiġi osservat li l-ittra uffiċjali ppreżentata mill-appellat *nomine* fl-14 ta' Awwissu, 2019, li ġġib referenza 3094/2019 (ara Dok. AZ a fol.21 tal-proċess) tagħmel

referenza għall-iskrittura datata 12 ta' Lulju, 2017, li biha l-appellant iddikjara li huwa debitur fl-ammont ta' €39,440 bħala s-somma kapitali u €39,440 bħala l-massimu tal-imgħax legali. Fl-istess ittra uffiċjali jingħad li qegħda ssir sabiex l-kambjala tiġi reża titolu eżekuttiv u l-mittenti jkun jista', fin-nuqqas ta' oppożizzjoni, jipproċedi bil-ħruġ tal-mandati eżekuttivi. Tabilħaqq għandu raġun l-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu, meta jingħad minnu li huwa mistenni li l-ittra uffiċjali maħruġa sabiex tirrendi kambjala eżekuttiva, għandha tinkludi tal-inqas kopja tal-istess kambjala, sabiex din tingħata effett eżekuttiv. Aktar u aktar f'dan il-każ, meta jidher li l-appellat *nomine* ressaq żewġ ittri uffiċjali sabiex irendi eżegwibbli żewġ kambjali għal ammont identiku ta' €39,440 (aktarx wieħed rappreżentanti l-kapital u l-ieħor rappreżentanti l-imgħax kif jingħad fl-iskrittura tat-12 ta' Lulju, 2017) li wasslu lill-appellant iressaq żewġ proċeduri (dik li ġġib referenza 827/2019 u dik odjerna bir-referenza 828/2019) sabiex jopponi għall-eżekuzzjoni tal-istess. Dan in-nuqqas, apparti li jista' jagħti lok għall-konfużjoni, jpoġġi lill-appellant f'diffikultà li jagħraf in-natura tal-pretensjonijiet u li jaċċerta ruħu mill-formalitajiet tal-istess kambjala. Din il-Qorti taqbel mas-sentenza li ngħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru, 2021, fl-istess ismijiet (li ġġib referenza 829/2019) li fin-nuqqas ta' kambjala annessa mal-ittra uffiċjali, tal-14 ta' Awwissu, 2019, ippreżentata minn Victor Fenech *nomine,* minkejja li ssir referenza għall-kambjala, ma tistax titqies li qed tirrendi xi kambjala eżegwibbli skont l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 u din kienet raġuni

gravi biżżejjed sabiex ikun hemm is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala.

18. Għalkemm din il-Qorti tista' tieqaf hawn, tqis li jkun xieraq li din il-Qorti tindirizza wkoll it-tieni aggravju tal-appellant. Dan jingħad peress li, mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-appellant xehed bil-ġurament li l-ammont indikat fl-ittra uffiċjali kien tħallas kollu, peress li huwa kien ħallas bi tliet darbiet aktar dak illi kien issellef, kemm permezz ta' proprjetà, kif ukoll permezz ta' karozzi u ċekkijiet. Huwa kien mhedded ukoll. Għalhekk kien għamel rapport lill-pulizija f'dan is-sens u fil-fatt eżebixxa kopja tal-istess (ara Dok. AZ1 a fol. 19). Din ix-xhieda ma ġiet kontradetta bl-ebda mod. Anzi, min-naħa tal-appellat *nomine,* għajr għal żewġ skritturi privati datati 12 ta' Lulju, 2017 u kopji ta' żewġ kambjali, ma tressqu l-ebda provi oħra jew dikjarazzjonijiet sabiex jikkontrastaw dak li ngħad mill-appellant. Dan ma jfissirx li kull min jiddikjara bil-ġurament li l-għajn tal-kambjala tkun l-użura, għandha mal-ewwel twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara li għandu jkun hemm is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala, peress li kull każ irid jitqies u jiġi ġudikat skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, iżda f'dan il-każ fin-nuqqas ta' provi li jikkontrastaw dak li ngħad mill-appellant, allura din il-Qorti temmen li *prima facie* l-kambjala hija possibilment milquta b'raġuni valida u gravi biżżejjed li timmerita s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħha. Wara kollox, m'hemmx dubju li l-materja ta' usura hija waħda ta' ordni pubbliku li ma tistax tiġi njorata mill-Qorti, (ara f'dan

is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-15 ta' Novembru, 1985, Kollez. Vol. LXIX.IV.526, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Mary Farrugia v. Gontran Borg *noe***). Kwindi timmerita stħarriġ ulterjuri, speċjalment fejn tali allegazzjoni ma ġietx kontradetta.

19. Din il-Qorti lanqas taqbel mal-appellat *nomine* meta jingħad minnu li kambjala toħloq obbligazzjoni għal kollox indipendenti u separata minn kull obbligazzjoni oħra li setgħet tippreċediha, peress li kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tas-16 ta' Jannar, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **John Giordmaina et v. Joseph Pace et** (ikkonfermata minn din il-Qorti fis-7 ta' Lulju, 2006):

> *"Din il-Qorti trid tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe` ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girgata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni, meta tibqa f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali"*

Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, hawn ukoll il-kambjala baqgħet ma ġietx ġirata u għalhekk din il-Qorti ma tistax twarrabha għal kollox mill-kuntest li fih inħarġet. Madankollu l-obbligazzjoni li għaliha tirreferi huwa wkoll il-mertu li għandu jiġi mistħarreġ separatament, iżda ċertament mhux f'din il-kawża. Isegwi li l-aggravji tal-appellant jimmeritaw li jiġu milqugħin.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn qabel imfissra, tiddisponi mill-appell ta' Angelo Zahra, billi tilqa' l-istess, u tirriforma s-sentenza appellata tas-17 ta' Jannar, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi u tgħaddi sabiex minflok tissospendi wkoll l-eżekuzzjoni tal-kambjala in kwistjoni a tenur tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellat Victor Fenech *nomine.*

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr